# Il-Ħadd 31.08.2014

1. **<u>Il-Ħadd 31/08 - Jum il-Festa</u>**
   Fis-6:30am Quddiesa ċċelebrata minn Dun Frans Abdilla, Delegat tal-Arċisqof għall-Kleru.
   Fis-7:30am Quddiesa ċċelebrata minn Dun Manwel Caruana.
   Fit-8:30am Konċelebrazzjoni tal-Festa mmexxija mill-Kappillan il-ġdid, Dun David Farrugia, li fiha jinseġ il-Paniġierku Dun Karm Mercieca.
   Fil-11:00am Quddiesa ċċelebrata mill-Kan. Dun Vinċenz Cachia, għal xi żmien amministratur ta' din il-parroċċa, u li din is-sena qed ifakkar l-40 anniversarju saċerdotali tiegħu. Nifirħulu waqt li nawgurawlu wkoll għall-ħatra ġdida tiegħu bħala Prepostu-Arċipriet tal-Bażilika ta' Sant' Elena, B'Kara.
   Fis-6:00pm Quddiesa letta.
   Fis-7:15pm Tibda l-Purcissjoni bl-istatwa titulari ta' San Pawl Appostlu.
   Fl-10:30pm Ninġabru fuq iz-zuntier biex nilqgħu l-istatwa ta' San Pawl Appostlu. Fid-dħul tagħha, titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.

   Naturalment nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd. Ippermettuli ħsiebi jmur ukoll llum għal dawk li għandhom xi familjari morda kemm fid-djar u kemm fl-isptarijiet, fl-emigranti, u f'dawk li huma l-ħabs. Wasslu t-tislijiet tiegħi lil dawn ħutna kollha, lilhom u lill-familjari tagħhom.

2. Il-Ġimgħa 5/09, l-Ewwel ġimgħa tax-xahar:
   - Infakkar li wara l-quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa adorazzjoni.

3. Il-Ħamis 11/09 ser ikollna ħarġa għal Għawdex. Biljetti u dettalji aktar 'il quddiem (minn wara l-festa) mingħand il-helpers.

4. Din il-ġimgħa ġbarna:
   - € 340 bħala ġabra b'risq il-Festa ta' San Pawl;
   - € 1250 bħala donazzjonijiet b'risq l-Arbural tal-Festa;
   - € 105 b'risq l-insara tal-Iraq. Grazzi mill-qalb.

5. Nitolbu għal Mary Cutajar u Salvina Zammit li għaddew għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa. Agħtihom o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...